

It-Tlieta 20 ta' Novembru 2012

P7_TA(2012)0417

Id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-UE li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2012 dwar l-abbozz ta' direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 93/109/KE tas-6 ta' Diċembru 1993 dwar ċerti arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għal-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni residenti fi Stat Membru li ma twieldux fih. (13634/2012 – C7-0293/2012 – 2006/0277(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni mill-ġdid)

(2015/C 419/38)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (13634/2012),
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0791),
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 22(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0293/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 u l-Artikoli 59(3) u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonal (A7-0352/2012),
1. Japrova l-abbozz tal-Kunsill;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti lill-President tiegħu istruzzjonijiet biex jibgħat il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill, il-Kummissjoni u l-parlamenti nazzjonali.

P7_TA(2012)0424

L-approvazzjoni u s-sorveljanza fis-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli *I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza fis-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli. (COM(2010)0542 – C7-0317/2010 – 2010/0271(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2015/C 419/39)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0542),

⁽¹⁾ ĠU C 219 E, 28.8.2008, p. 193.

It-Tlieta 20 ta' Novembru 2012

- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0317/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-19 ta' Jannar 2011 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-28 ta' Settembru 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kunitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjoni tal-Kunitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0445/2011),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tinsab hawnhekk;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda din il-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ieħor;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

P7_TC1-COD(2010)0271

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Novembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġiżlattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 168/2013.)

P7_TA(2012)0425**L-approvazzjoni tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija***I**

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (COM(2010) 0395 – C7-0204/2010 – 2010/0212(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2015/C 419/40)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0395),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0204/2010),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2010 ⁽¹⁾,

⁽¹⁾ OJ C 84, 17.3.2011, p. 30.

⁽¹⁾ ĠU C 54, 19.2.2011, p. 42.